MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1078/2003

**Cutajar (Installations) Limited**

**vs**

**Franco Arcidiacono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320.00) l-ammont bilancjali dovut ghall-airconditioner mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra bonarja tal-5 ta' Mejju, 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Novembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-21 ta' Ottubru, 2004.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------